# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 7 ta' Mejju 2025

**Rik. Gur. Nru.: 196/2021 JPG**
**Kawza Numru : 21**

**JB in rapprezentanza tal-assenti AFB u b'digriet tat-22 ta' Novembru 2021, l-attrici assumiet l-atti personalment.**

***vs***

**WF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JB in rapprezentanza tal- assenti AFB datat 28 ta' Lulju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Ottubru tas-sena 1992 (kopja tac-certifikat taz-zwieg huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A').*
2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li illum huma it-tnejn maggorenni. RF li twieled f'X u CF li twieled f'Y. Kopja tac-certifikati rispettivi tat-twelied huma annessi u mmarkati bhala Dok 'B' u 'C' rispettivament.*
3. *Illi l-konvenut rrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn l-partijiet impossibli, permezz ta' infedelta, servizzi, mohqrija, theddid u ngurji ohra fil-konfront tal- istess attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*
4. *Illi minhabba f'dan, iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment*

*b'tort uniku tal-istess konvenut.*

5. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti (kopja annessa u immarkata Dok 'D');*
6. *Illi l-konvenut qatt ma setgha japprezza x'jigifieri tghix hajja ta' ragel mizzewweg u ghalkemm l-esponenti ghamlet minn kollox sabiex tghix hajja felici u pprovat dejjem tagevola lill-konvenut b'kull mezz possibbli, l-intimat dejjem irrifjuta li jghix hajja ta ragel mizzewweg kif titlob il-ligi u kif inhu mistenni.*
7. *Illi minhabba s-swat u t-theddid perpetrat mill-intimat, l-attrici spiccat f' sitwazzjoni li ma kelliex ghazla hlief li titlaq mid-dar matrimonjali u ssib refugju post iehor. L-unika membru tal-familja li seta' jghin lil attrici kien huha, li jghix l-Ingilterra. Ghalhekk hu u martu ghenu lil attrici titlaq mid-dar u tallonata mill-intimat, ghax fic-cirkostanzi kien wisq perikoluz ghaliha.*
8. *Illi qabel mal-attrici kienet konstretta titlaq mid-dar matrimonjali, minhabba il-vjolenza domestika, l-intimat WF kien diga' ikkommetta adulterju u issa gie skopert illi dan l-adulterju rrizulta fit-twelied tal-minuri MF.*
9. *Illi annessa u mmarkata bhala Dok 'E' hija kopja tal-prokura li tawtorizza lil JB jistitwixxi l-proceduri odjerni f'isem AFB.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, sabiex jghid l-intimat il-ghaliex, din il-Qorti m'ghandhiex:*

i. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi u dan ghal ragunijiet imputtabbli biss lill-intimat;*
ii. *Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;*
iii. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat iddekada mid-dritt tieghu tal-manteniment;*

iv. *Tiddikjara li l-attrici baqghalha d-dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut kemm il- darba hija ma jkollhiex mezzi bizzejjed sabiex tmantni lilha nnifisha.*

v. *Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f''zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, mhux necessarjament ugwali;*

vi. *Tillikwida l- assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti;*

vii. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici kwalsiasi krediti parafernali taghha kif ukoll kwalsiasi beni dotali u parafernali taghha jew dik is-somma li tigi likwidata bhala rapprezentanti l-valur tal-istess beni;*

viii. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-pussess tal-beni parafernali taghha, li jinkludu il-fond 43, bl-isem Redeemer, Triq id-Duluri, Hamrun u sakemm ma jkunx ga ivvaka, tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombra minn go dan il-fond;*

ix. *Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' l-kunjom "B" u*

x. *Tordna lill-intimat sabiex thallas jew tikkonsenja lill-esponenti skond il-kaz il-krediti u propjeta' parafernali taghha skond il-kaz;*

Rat in-nota ta' AFB datata 25 ta' Awwissu 2022 vide fol 10;

Rat ir-risposta guramentata ta' WF datata 2 ta' Dicembru 2022, a fol 72, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jaqbel ma' l-ewwel talba rikorrenti b'dana pero illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali b'tortijiet imputabbli esklusivament lill-istess rikorrenti, li minn naha taghha abbandunat lil esponenti minghajr raguni gusta apparti li kienet hatja ta' sevizzi, eccessi u ngurji gravi fil-konfront ta' l-esponenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza;*
2. *Illi l-esponenti qieghed jopponi ghat-tieni talba rikorrenti stante li t-tortijiet tas-separazzjoni huma imputtabli lir-rikorrenti;*

3. *Illi fir-rigward tat-tielet talba rikorrenti, l-esponenti ma huwiex qieghed jippretendi li jircievi manteniment minghand ir-rikorrenti stante li l-eccipjenti ghandu xoghol fiss;*
4. *Illi l-esponenti qieghed jopponi ghar-raba talba rikorrenti u jissottometti illi r-rikorrenti ma hijiex intitolata li tircievi manteniment minghand l-eccipjenti stante li t-tortijiet tas-separazzjoni huma imputabbli lir-rikorrenti stess u dan apparti l-fatt li r-rikorrenti ghandha impjeg;*
5. *Illi dwar il-hames talba rikorrenti, l-esponenti jaqbel li jkun hemm ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti , salv ghall-fatt li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg hu imputtabli esklussivament lir-rikorrenti u mhux lill-esponenti u meta tasal sabiex tiddividi l-kommunjoni tqis minn meta r-rikorrenti kienet hatja tal-firda u t-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u tippenalizza lill-istess;*
6. *Illi l-esponenti ma ghandhux fil-pussess tieghu assi parafernali tar-rikorrenti;*
7. *Illi fir-rigward tas-seba' talba rikorrenti, sta ghar-rikorrent sabiex tipprova l-ezistenza ta' kwalsiasi assi parafernali u/jew dotali u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-ezistenza ta' tali tigi ppruvata, kwalsiasi frott tal-istess xorta jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti skont l-artikolu 1320 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
8. *Illi l-esponenti qieghed jopponi ghat-tmien talba rikorrenti stante li t-tortijiet tas-separazzjoni huma imputabbli esklussivament lir-rikorrenti u ghaldaqstant l-esponenti ma ghandhux jigi zgumbrat mid-dar matrimonjali;*
9. *Illi l-esponenti qieghed jirrimetti ruhu ghad-disa' talba rikorrenti;*
10. *Illi l-ghaxar talba rikorrenti hija identika ghas-seba' talba rikorrenti.*

    *Illi finalment l-esponenti jopponi ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.*

    *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

    *Bl-ispejjez kontra rikorrenti li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-kontro-talba ta' WF datata 2 ta' Dicembru 2022 a fol 75 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti izzewgu f' Malta nhar is-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena 1992 u minn dan iz-zewgt itfal, illum maggorenni;*
2. *Illi kif ser jigi pruvat ampjament fil-mori tal-kawza, iz-zwieg tal-partijiet*

*tkisser irrimedjabbilment minhabba abbandun, eccessi,sevizzi u ingurji gravi kommessi mir-rikorrenti rikonvenzjonata fuq l-eccipjenti;*

3. *Illi kif ser jigi pruvat ampjament fil-mori tal-kawza u kif anke ammess mir-rikorrenti rikonvenzjonata, r-rikorrenti abbandunat lil eccipjenti minghajr raguni gusta;*
4. *Illi madanakollu minkejja li r-rikonvenzjonata abbandunat lill-eccipjenti, din qed tippretendi li l-eccipjenti jivvaka mid-dar matrimonjali;*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghed ghar-ragunijiet fuq imesmmija, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, illi:*

*a)* ***Tiddikjara u tippronunzja*** *s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet gravi unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrent rikonvenzjonata, fosthom abbandun, eccessi, sevizzi, ingurji gravi kommessi fuq l-eccipjenti u ai fini ta' l-Artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta tistabilixxi data meta l-istess rikorrenti rikonvenzjonata ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;*

*b)* ***Tawtorizza*** *lill- esponenti sabiex ikompli jirrisjedi fil-fond 43, Redemeer, Triq id-Dulur Hamrun vita durante ad eskluzjoni tar-rikorrenti u tordna l-izgumbrament tar-rikorrenti mill-istess;*

*c)* ***Tapplika*** *kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte ta' l-Artikoli 48 u 51 sa 55 tal- Kap. 16 tal-Ligijier ta' Malta sa fejn applikabbli, ikluza l-komminjazzjoni li tilfet kull dritt li jiret mill-esponenti;*

*d)* ***Ixxolji u tillikwida*** *l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-rikorrenti rikonvenzjonat u porzjon lill-esponenti rikonvrenzjonanti ope sententium u billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta r-rikorrenti titqies li ddekadiet minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila ta' l-eccipjenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-propjeta' tal-partijiet li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-attur fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

e) ***Tikkundanna*** *lir-rikorrent rikonvenzjonat sabiex jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni kollha dotali u/jew parafernali tieghu li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess esponenti qabel u waqt iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li r-rikorrent rikonvenzjonata taghmel dan, tikkundannaha thallas lil esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti.*

f) ***Tiddividi*** *l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mis-separazzjoni tal-assi tal-kontendenti*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti rikonvenzjonat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' AFB ghall-kontro-talba datata 24 ta' Frar 2023 a fol 82 et seqq, li taqra hekk:

1. *Illi ghal kull buon fini qieghda tigi ipprezentata kopja tal-prokura li tawtorizza lil GD jidher ghall-attrici rikonvenzjonata , kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala Dok 'A'.*
2. *Illi in rigward il-fatti imsemmija fil-kontro-talba tieghu, l-attrici rikonvenzjonata tecepixxi:*

a) *Dwar l-ewwel fatt: Taqbel li f'dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal (li illum huma maggorenni – R u C) u li huma t-tfal tal-partijiet. Imma twieldu wkoll tfal ohra li huma ta' WF u ta' terza persuna. Wiehed minn dawn l-ulied gie ikkonceppiet waqt li l-partijiet f'din il-kawza kienu ghadhom jghixu flimkien;*

b) *Dwar it-tieni fatt: Mhux minnu li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba abbandun, eccessi, servizzi u ngurji gravi kommessi mill-attrici rikonvenzjonata fuq l-intimat. Imma anzi z-zwieg tkisser propjament ghaliex kien hemm abbandun, eccessi, vjolenza, theddid, sevizzi u ngurji gravi kommessi mill-intimat fuq l-attrici;*

c) *Dwar it-tielet fatt: Mhux minnu li l-attrici abbandunat lill-intimat, imma telqet mid-dar ghaliex kienet hemm abbuzata u imsawta. Fil-fatt, telqet wkoll minn Malta ghaliex ma kellniex post iehor fejn tmur tghix gewwa Malta u l-pulizija ma tawhiex il-protezzjoni necessarja;*

d) *Dwar ir-raba fatt: Huwa minnu li l-attrici qieghda tippretendi li l-intimat ghandu*

*jivvakja mid-dar matrimonjali , stante li hija wkoll fil-htiega ta' saqaf fuq rasha (l-attrici kellha bil-fors tirrikorri ghal fond fil-kera peress li ma ghandhiex post fejn tirrisjedi) u dan minghajr pregudizzju ghal ragunijiet ohra.*

3. *Illi in rigward it-talbiet tal-intimat fil-kontro-talba tieghu, l-esponenti:*

   a. *Taqbel ma' l-ewwel talba rikorrenti b' dan pero illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni u personali b'tortijiet imputabbli esklussivament lill-intimat;*
   b. *Topponi ghat-tieni talba tal-intimat rikonvenzjonanti ossia li huwa jibqa' jirrisjedi fil-fond 43, Redeemer, Triq id-Duluri il-Hamrun u kontrarjament kollu ghal dan tordna l-izgumbrament tal-intimat minn dan il-fond;*
   c. *Topponi ghat-tielet talba rikonvenzjonanti li din l-Qorti tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-Artikoli 48 u 51 sa 55 tal-Kap 16;*
   d. *Rigward r-raba' talba, l-attrici rikonvenzjonata taqbel li jkun hemm ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti salv ghall-fatt li l-Qorti ghandha tiehu in konsdierazzjoni il-fatt li t-tort ghat-tkissir taz-zwieg hu imputtabli esklussivament lill-intimat u mhux lill-attrici u meta tasal sabiex tiddividi l-kommunjoni tqis minn meta l-intimat kien hati tal-firda u t-tkissir irremedjabbali taz-zwieg u tippenalizza lill-istess;*
   e. *Topponi ghall-hames talba stante li hija mhux fil-pusses ta' kwalunkwe beni dotali u/jew parafernali tieghu. Intant meta kienet kostretta titlaq mid-dar minhabba vjolenza domestika u abbuz iehor hija kienet telqet mid-dar b'ta fuqha senduqa.*
   f. *Taqbel mas-sitt talba basta li tali divizjoni issir skond il-ligi, partikolarment wara li din l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni li t-tkissir taz-zwieg huwa unikament imputtabli lill-intimat rikonvenzjonanti.*

*Bl-ispejjez*

Rat in-nota ta AFB datata 6 ta' Ottubru 2023 vide fol 125;

Rat in-nota ta' WF datata 6 ta' Marzu 2024 vide fol 193;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat is-sentenza tagħha in parte ta' nhar id-19 ta' Jannar 2022 li permezz taghha din il-Qorti laqghet it-talbiet tal-attrici u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukat difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

1) **L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti ghandha quddiemha talba ghas-separazzjoni personali tal-partijiet stante li, skont l-attrici, l-intimat irrenda ruhu hati ghat-tifrik taz-zwieg billi kellu relazzjoni extramaritali u anke twieldu zewgt itfal minn tali relazzjoni, kif ukoll billi kkommetta atti ta' vjolenza domestika fuq il-persuna tal-attrici u heddidha diversi drabi.

Il-Qorti rat is-sentenza tagħha in parte ta' nhar id-19 ta' Jannar 2022 li permezz taghha din il-Qorti laqghet it-talbiet tal-attrici u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta;

2) **Il-Verzjoni tal-Partijiet**

L-attrici xehdet permezz ta' affidavit (fol. 140) li gie debitament mahluf nhar it-18 ta' Mejju 2023. Tghid illi kienu ltaqghu u zzewgu wara hames (5) snin u kellhom l-ewwel

wild taghhom tlett (3) snin wara z-zwieg. Ghalkemm kienet tara lil zewgha jaghti kunfidenzi zejda lin-nisa, tghid li l-problemi fiz-zwieg taghhom bdew meta dahlet SC fl-istorja. Minkejja dan, tghid illi qabel kellhom l-ewwel wild, kienet diga' tqila b'tewmin u darba minnhom x'hin dahlet id-dar, **kienet sabet lill-ohtha hierga mill-kamra tal-banju u l-intimat hareg warajha b'xugaman biss.** Bix-xokk li kienet hadet, **kienet korriet dik it-tqala**. Kienet iltaqghet ma' SC fuq il-post tax-xoghol u kienet ratha tibki. Ghalhekk kienet dahlitha tghix maghhom. Ma basritx li zewgha u din it-tifla kienu se jispiccaw flimkien minhabba li kien hemm **differenza fl-eta' ta' tnejn u ghoxrin (22) sena**. Madanakollu kienu mistednin ghat-tieg ta' hu SC u dawn ghamlu tieg jigru wara xulxin. Wara t-tieg, l-attrici kienet keccietha minn darha. Wara li telqet, l-intimat beda jqatta' hafna hin barra mid-dar wara x-xoghol u jaghmel iljieli shah barra mid-dar. Kien jghid lill-attrici li kien johrog ma' shabu izda l-attrici ma kienetx taf minn kienu dawn shabu.

L-attrici tiftakar li darba minnhom wara li dahal id-dar, l-intimat ftahar maghha li kien taha xebgha tajba lil SC biex hi temmnu li ma kienux ghadhom flimkien. Kien beda jkun vjolenti maghha wkoll. Fil-Milied tal-2010 l-intimat kien hareg u qalilha li kien ser jiltaqa' ma' shabu. **L-attrici u ommha marru jfittxuh u sabu l-karozza tieghu barra r-residenza ta' SC gewwa Santa Venera**.

Tghid illi matul iz-zwieg taghhom, kemm-il darba kienet marret l-ghassa biex taghmel rapport fuq il-vjolenza u t-theddid izda l-Pulizija ma kienux jiehdu azzjoni kontra tieghu.

Tghid illi meta huwha u l-familja tieghu kienu gew Malta fis-sena 2011, l-intimat kien iltaqa' mal-mara tieghu li ma kienetx kelmitu lura u kien ha ghalih. Minhabba dan, hu kien sawwat lill-attrici u kien benglilha wiccha. Kellhom ikla tal-familja u **kulhadd kien induna bil-griehi li kella f'wiccha**. Waqt li kienu l-ikla, l-intimat beda jcempel diversi drabi ghaliex beda jissuspetta hazin fl-attrici. Heddida li kien ser imur joqtolha jew jekk ma jirnexxilux, jitfaghha *f'wheelchair*. L-attrici u huwha kienu marru l-ghassa tal-Pulizija izda ma kienux sabu ghajnuna. Is-Surgent kien qalilha li ma setghux johorguh mid-dar matrimonjali u ghalhekk bezghet tmur lura d-dar. L-attrici ghazlet li tmur fl-appartament ma' huwha u l-familja tieghu. **Meta giet ghall-proceduri odjerni,**

**l-avukat tal-fiducja taghha kien qalilha li dak is-sajf u cjoe fl-2011, l-intimat u s-siehba tieghu kellhom l-ewwel wild taghhom.**

Fuq suggeriment ta' huwha, hija ghazlet li titlaq minn Malta ghax ma hassithix protetta. Xtaqet li binha RF imur maghha izda dan, li kellu sittax (16)-il sena dak iz-zmien, kien ghazel li jibqa' Malta. Tghid li Malta ma kellhiex fejn tmur toqghod jekk mhux fid-dar matrimonjali stante li ommha kienet toqghod ftit tal-bibien 'il boghod mill-istess dar matrimonjali.

Anke wara li telqet minn Malta, l-intimat baqa' jheddidha tant li kienet tibza' ghaliex kienet taf li hu kien jaf fejn tinsab ir-residenza ta' huha. Telqet mir-residenza ta' huha u marret toqghod mal-kugin ta' mart huha gewwa belt ohra ghas-sigurta' taghha. Tghid illi ma setghetx tikri ghal rasha u ghalhekk kienet dahlet tirrisjedi ma' haddiehor tant li lanqas kamra tas-sodda taghha ma kellha.

Tghid illi sabiex tkun tista' tghix l-Ingilterra tonfoq il-paga kollha u kemm-il darba jkollha taghmel is-sahra sabiex tkun tista' tfaddal sabiex tigi tara t-tfal darba fis-sena. Tghid li t-tifel iz-zghir tal-partijiet kien jirrisjedi ma' familjari taghhom li ma kellhomx tfal kif kien ilu ghal snin shah.

L-attrici xehdet in kontroezami waqt is-seduta ta' nhar is-16 ta' Jannar 2021 (fol. 185). Tghid li SC kienet cemplitilha bil-lejl li kienu keccewha ommha u missierha u thassritha. Ghalhekk kienet dahlitha tghix ghandha. Wara li saret taf bir-relazzjoni tal-intimat u ta' SC, l-intimat ma baqghax iqatta' hin id-dar, semplicement kien imur ghal baskett tax-xoghol filghodu u kien imur biex jinhasel wara x-xoghol qabel jerga' jitlaq 'il barra. Tghid illi m'ghadx ghandha kuntatt m'uliedha ghalkemm kienet baqghet tibghatilhom u ccemplilhom meta telqet minn Malta.

Bil-permess ta' din il-Qorti, l-attrici pprezentat kopja ta' affidavit tal-intimat u kopja ta' affidavit ta' SC waqt is-seduta ta' nhar it-13 ta' Mejju 2024. **Fl-affidavit tieghu, WF jiddikjara li meta iltaqa' ma' SC hu kien mizzewweg lill-attrici**. Jghid li l-attrici telqet lejn l-Ingilterra **fl-istess sajf li hu kellu l-ewwel wild ma' SC**. Wara t-twelid tat-tifel, hu kien mar jirrisjedi ma' SC u t-tifel tal-partijiet RF gewwa appartament mikri lil SC. Fis-sena 2017 **huwa kellu t-tieni wild mal-istess SC**. Fl-affidavit taghha, SC

tghid li kienet iltaqghet ma' WF gewwa diskoteka meta martu kienet ghadha kemm telqitu u marret tghix l-Ingilterra. Tghid li waqt ir-relazzjoni, WF kien jissuspetta fiha hafna minhabba d-differenza fl-eta'. Kien hemm zmien meta kienu jghixu flimkien bit-tifel tal-partijiet maghhom izda imbghad RF telaq jghix mat-tfajla tieghu u l-intimat baqa' jirrisjedi maghha sakemm spiccat ir-relazzjoni taghhom. **Kien hemm hafna swat u abbuz fir-relazzjoni taghhom** specjalment jekk kienet tirrifjuta li jkollha x'taqsam sesswalment mieghu. Tghid li **tellef operazzjoni lil binhom darbtejn** ghax ma kienx mar jiffirma l-karti u ghalhekk **kellha taghmel rikors b'urgenza** sabiex binhom jaghmel l-operazzjoni necessarja.

In kontro-ezami l-attrici xehdet li hi u AB jghixu flimkien izda m'hemmx relazzjoni bejniethom. Meta muriha sett ta' ritratti taghhom f'avvenimenti socjali, l-attrici tispjega stante li AB jigi l-kugin tal-mara ta' huha gieli jkunu mistiedna ghall-okkazjonijiet socjali t-tnejn li huma. L-attrici tichad li l-ittra ipprezentata mill-intimat kitbitha hi, tant li l-kaligrafija ma taqbilx ma' dik taghha.

Sabiex tikkorroborra l-verzjoni taghha, l-attrici resqet is-segwenti provi:

L-affidavit ta' **JB,** huha (fol 31) debitament mahluf li permezz tieghu xehed illi huwa jirrisjedi flimkien mal-familja tieghu gewwa l-Ingilterra. Fl-2011 huwa kien ghal vaganza Malta u ra lill-ohtu b'marki ta' swat f'ghajnejha. Kienet dakinhar li ohtu kienet zvelat mieghu li r-ragel taghha kien isawwatha. Waqt l-istess btala, huma kienu marru jieklu u waqt li kienu hemm, l-intimat cempel lill-ohtu u heddidha li jsawwatha sal-punt li tispicca go *wheelchair*. Huma kienu marru jaghmlu rapport gewwa l-ghassa tal-Hamrun izda ma kienux sabu ghajnuna minghand il-Pulizija. L-uniku mod li x-xhud setgha jipprotegiha kien billi ohtu tmur tghix mieghu l-Ingilterra.

L-affidavit ta' **KB**, l-mara ta' hu l-attrici (fol. 32) li permezz tieghu xehdet li f'Awwissu tas-sena 2011 kienu ghal btala Malta u kienu marru jieklu sabiex jiccelebraw gheluq snin l-attrici. L-attrici kienet marret tiltaqa' maghhom **bi dbengil u wiccha minfuh**. Eventwalment kienu qaltilhom li zewgha kien sawwatha. Waqt l-ikla, l-intimat cempel lill-attrici u beda jhedded lilha u lil huha. Wara l-ikla, l-attrici u huha kienu marru jaghmlu rapport lill-Pulizija u dakinhar l-attrici kienet marret torqod ghandhom gewwa l-apartament taghhom f' Bugibba. Kienu ddecidew li kien wisq perikoluz ghall-attrici

li terga' tmur lura d-dar matrimonjali taghha u ghalhekk kienu xtrawlha biljett tal-ajru sabiex telghet l-Ingilterra lura maghhom.

Fis-seduta tat-3 t'April 2023 xehdet **WPS 2014 Jeanelle Maiswawa Makombo** li pprezentat sitt (6) rapporti tal-Pulizija. Gie pprezentat rapport wiehed (1) biss mill-attrici fejn irraportat li kellha argument mar-ragel taghha u dan kisser it-telefon waqt tali argument u hadilha l-*mobile*. Il-biqja tar-rapporti saru mis-siehba tal-intimat. Fl-ewwel rapport, is-siehba tal-intimat cemplet izda ma kelmitx lill-Pulizija. **Hija kienet giet rintraccata mill-Pulizija u meta waslu sabuha tibki u taht xokk minhabba li kellha argument mas-sieheb taghha, WF**. Hija rraportat li l-intimat kien **taha diversi daqqiet** waqt l-argument li kellhom. Meta l-intimat gie mitkellem mill-Pulizija u stqarr li kien mizzewweg u li kull darba li pprova jwaqqaf ir-relazzjoni tieghu mas-siehba tieghu, din kienet taghmel xenata. F'rapport iehor l-istess SC irraportat li waqt argument, WF kien wadbilha l-*mobile* u li rrifjuta li jirritornalha c-cavetta tar-residenza taghha. F'rapport iehor il-Pulizija ntervjenew minhabba argument bi swat bejn SC u WF. L-intimat ammetta biss li kien imbuttaha. Fir-raba' rapport SC kienet irraportat li WF kien mar minn warajha meta kienet qed tuza l-*mobile* taghha u ghax haseb li kienet qieghda tibghat il-messaggi lill-irgiel ohra beda jtiha bil-ponn go wiccha u anke faragha. Fl-ahhar rapport maghmul minn SC, hija rraportat illi WF ma kienx hallas il-manteniment dovut ghal uliedhom skont kuntratt li kellhom ippubblikat bejniethom.

**SC (** a fol. 95) xehdet illi kellha relazzjoni mal-intimat minn liema relazzjoni kienu twieldu zewgt itfal. Tali **relazzjoni kienet bdiet bejn l-2008 u l-2009** u kienet intemmet lejn is-sena 2017. Ix-xhud ikkonfermat illi r-rapporti li kienet ghamlet mal-Pulizija fuq incidenti ta' vjolenza domestika kienu kontra l-intimat. L-intimat kien tressaq quddiem Qorti tal-Magistrati (Malta) b'Gurisdizzjoni Kriminali. Ix-xhud tghid li saret taf lill-intimat ghax kienet tahdem mal-attrici u kienu hbieb. Kien hemm drabi meta l-attrici kienet talbitha toqghod mat-tifel taghha ghaliex ma kienux ihalluh jidhol maghha fil-hwienet tal-loghob. Tghid illi meta telqet l-Ingilterra, l-attrici halliet lil binha ta' tlettax (13)-il sena wahdu go appartament. Tghid illi l-attrici kienet tiehu l-paga kollha tal-intimat peress li dan ma kienx jaf jikteb u jaqra u tamministra hi.

L-attrici resqet nota (fol. 125) b'diversi dokumenti. Dok F anness ma' tali nota (fol. 131) huwa kopja tal-**Att ta' donazzjoni ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Pamela**

**Mifsud Bonnici nhar l-20 ta' Awwissu tas-sena 2005 u li permezz tieghu Francis Borg u Michaelangela Borg taw b'titlu ta' donazzjoni lil AFB maghrufha bhala AFB, il-fond bin-numru tlieta u erbghin (43) bl-isem ta' "Redeemer" fi Triq id-Duluri Hamrun.**

Ix-xhieda ta' **JB,** hu l-attrici li xehed permezz ta' affidavit (fol. 135) u sostna li l-attrici kienet mara qalbha tajba li kienet tithassar lil zewgha peress li ma kienx jaf jikteb u jaqra. Jghid li kien sar jaf li z-zwieg ta' ohtu kien mkisser meta kienet marret izzuru gewwa l-Ingilterra fis-sena 2011 ghall-gheluq sninu. Jghid li matul dik il-btala, l-attrici kienet iltaqghet ma' AB u bintu li kien ha l-intrigu li joqghod iddawwarhom. Meta kienet irritornat lura Malta, l-attrici kienet baghtet ittra ta' ringrazzjament lil AB liema ittra kien sabha l-intimat. **Wara li nbdew il-proceduri, l-avukat tal-fiducja tal-attrici kien infurmahom li dak iz-zmien, l-intimat kien diga' kellu wild mas-siehba tieghu.** Sitt (6) gimghat wara, ix-xhud kien gie Malta bhal ma kienu jaghmel kull sena. Kienu marru jieklu u l-attrici kienet marret ghal din l-ikla b'wiccha minfuh u b'ghajnejha mbengla. Waqt li kienu hemm, l-intimat kien cemplilha diversi drabi u kien heddidha li ser joqtol lilha u lix-xhud u jekk ma jirnexxilux joqtolhom kien ser jitfaghhom *f'wheelchair*. Jghid illi kienu marru jaghmlu rapport mal-Pulziija u kienu qalulhom li kienu ser ikellmu lil WF. Ix-xhud qatt ma rega' semgha minghand il-Pulizija jekk kienux ser jiehdu passi kontra l-intimat. Dakinhar oht ix-xhud kienet qieghda tibza' ghal hajjitha u ghalhekk kienet baqghet maghhom. Kien staqsa lin-neputi li kien maghhom jekk riedx imur m'ommu l-Ingilterra izda kien ghazel li jibqa' hawn Malta. L-attrici kienet marret lura qabel huha u l-familja tieghu. Ghall-ewwel qaghdet fid-dar taghhom izda meta rritornaw lura huma, hija kienet kriet bicca mid-dar ta' AB. Ix-xhud jichad li ohtu kienet dahlet f'relazzjoni ma' dan l-istess AB. Jghid illi s-siehba tal-intimat kienet ghamlet zmien tghix mal-partijiet u kienet hemm fejn bdiet ir-relazzjoni mal-intimat.

L-affidavit ta' **AB** (fol. 138) u qal illi hu jigi kugin mal-konjugi ta' JB. F'Awwissu 2011, kugintu kienet qaltlu li l-attrici kellha bzonn post fejn toqghod ghaliex kienet harbet mir-ragel taghha. Huwa kien accetta li tidhol tirrisjedi mieghu sakemm thallas nofs l-ispejjez tad-dar. Jghid li mhux f'relazzjoni mal-attrici izda kemm jghixu flimkien. Minhabba c-cokon tad-dar, l-attrici ilha dawn is-snin kollha torqod fuq sufan li jinfetah f'sodda. Ix-xhud xehed in kontro-ezami waqt is-seduta ta' nhar is-16 ta'

Jannar 2023 fejn hu qal li hu kien ilu zmien twil separat izda llum-il gurnata huwa armel. L-attrici bdiet tghix mieghu b'arrangament li kellu jkun temporanju izda baqghet meighu ghaliex ma taqlax bizzejjed biex tmur tghix ghal rasha. Jichad li qatt kien hemm xi relazzjoni bejnu u bejn l-attrici.

Ix-xhud xehed in kontro-ezami waqt is-seduta ta' nhar il-15 t'Ottubru 2024 (fol. 266A). Jghid illi huma kienu tkelmu li l-attrici tmur tirrisjedi mieghu b'mod temporanju izda imbaghad l-attrici qatt ma kienet f'pozizzjoni finanazjarja li titlaq tghix ghal rasha u baqghet mieghu ghal tlettax (13)-il sena. Ix-xhud jghid illi waqt dan il-perjodu hu kien f'relazzjoni intima ma' terza persuna li kienet tmur ghandu filghaxija meta l-attrici kienet tkun xoghol.

L-affidavit ta' **MS** (fol. 144) debitament mahluf nhar is-6 t'Ottubru 2023 li permezz tieghu, ix-xhud tghid li hi kienet il-gara tal-attrici li kienet tghin lit-tfal tal-partijiet fix-xoghol tal-iskola minhabba li hi ghalliema. Tghid li l-problemi fiz-zwieg tal-partijiet bdew meta AFB dahhlet lil SC fid-dar taghhom minhabba li omm SC kienet kecciethа u l-intimat kien abbuza minn din is-sitwazzjoni. Madanakollu x-xhud ma tispjegax kif taf dawn il-fatti. Tghid li darba kienet marret tiekol mal-attrici u l-familjari taghha gewwa restorant l-Imsida u kif l-atrici waslet, kulhadd kien ra dbengil fuq wiccha. Tghid li kienet marret mal-attrici l-ghassa fejn il-Pulizija kien xettiku fuq it-dbengila ghaliex ma kienx fic-cert li kien zewgha li kien ghamililha. Quddiem ix-xhud kien hemm drabi meta l-intimat kien cemplilha jghajjat maghha u jheddida. Tghid li l-intimat kien jittanta hafna nisa' inkluz lilha izda hi kienet waqfitlu.

Ix-xhud **RPC 3018 Ismene Fenech** xehdet fis-sena ta' nhar is-6 t'Ottubru 2023 (fol. 152) sabiexipprezentat rapport li sar mill-intimat WF fl-2011 sabiex jghid illi ma kienx ra lill-martu fl-erbat ijiem qabel ir-rapport. Iben il-partijiet kien qal lil Pulizija li tlett (3) ijiem qabel huwa kien raqad m'ommu ghand zijuh izda meta kien qam, ommu ma kienetx hemm. Mill-investigazzjoni tal-Pulizija kien irrizulta li l-attrici kienet telqet lejn Heathrow nhar l-4 t'Awwissu 2011. *Interpol UK* ghamlu kuntatt mal-attrici fejn din kienet spjegat li kellha titlaq minn Malta minhabba li l-Pulizijia ma kienux provdew protezzjoni ghalija mill-vjolenza domestika li soffriet mir-ragel taghha lanqas meta fl-ahhar jiem qabel telqet minn Malta dan kien heddidha li joqtol lilha u lil huha. Meta l-Pulizija kelmet lill-intimat huwa spjega li verament kien qal kliem ta' theddid minhabba

li kien qed jissuspetta li martu kienet qed tmur ma' ragel iehor u familtha kienu qed jahbulha. Madanakollu hu ma kien behsiebu jwegga' lil hadd.

L-intimat **WF** ( a fol. 146) xehed illi hu kien ilu ghal tletin (30) sena jaghmel xoghol ta' manutenzjoni mas-socjeta' *Water Services*. Jghid illi l-paga tieghu kienet ta' elf u tlett mitt euro (Eur1300) kull erba' gimghat. Jghid li ghandu d-delizzju taz-zwiemel gewwa l-Marsa. Jichad li huwa qatt kellu relazzjoni ma' oht l-attrici jew li hu qatt sawwat lil xi hadd. Jghid illi kien ghamel madwar tmien snin (8) jghix ma' SC.

L-Intimat ipprezenta affidavit tieghu li gie debitament mahluf nhar is-6 ta' Mejju 2024 (fol. 193). Permezz tieghu huwa jixhed illi l-partijiet kellhom gherusija normali, izzewgu u kellhom zewgt itfal flimkien. L-attrici kienet gieli zzur lil huha l-Ingilterra u kienet tqatta' hafna hin mieghu meta dan kien ikun vaganza mal-familja tieghu hawn Malta. Jghid illi darba minnhom kien mar ghand il-kunjata tieghu u kien qed jiehu t-te ghandha meta mar fuqu pulizija u qallu li martu u huha kienu qed jibzghu minnu. Din kienet sorpriza ghalih ghaliex skont hu qatt m'ghamel xejn u dejjem gabilhom rispett. Hadd ma ried jghidlu fejn kienet martu dak il-hin, beda jcempilha izda l-mobile taghha kien mitfi u ghalhekk mar jaghmel rapport l-Ghassa li hadd ma kien jaf fejn kienet martu. Dakinhar filghazija t-tifel tieghu beda jircievi l-messaggi li ommu kienet l-Ingilterra fid-dar ta' huha. Irrizulta li lanqas kienet itterminat ix-xoghol taghha.

L-intimat jghid li wara xi sena jew sentejn, martu kienet regghet giet Malta ma' ragel iehor ghaliex l-intimat kien raha hdejn id-dar t'ommha. **Kienet marret biex tigbor hwejjigha ma' Pulizija izda l-intimat kien remgha kollox**. Ir-ragel li kienet mieghu jigi l-kugin ta' mart huha. Jghid li martu kienet harbet minn Malta biex tmur tghix mas-sieheb il-gdid taghha. Dan jafu ghaliex qabel ma kienet telqet minn Malta, l-intimat kien sab ittra li l-attrici kienet kitbet lin-namrat taghha.

Jghid li iben il-partijiet kien stieden lill-ommu ghat-tieg tieghu fis-2024 iżda hi ma kienetx giet u lanqas bghatitlu rigal. Jichad li qatt kien hemm kunfidenzi bejnu u bejn oht l-attrici u jghid li anke ohtha kienet baqghet skantata fuq din l-allegazzjoni. Jichad b'mod kategoriku li hu qatt sawwat lill-martu. Kienet l-attrici li harbet u abbandunat lill-ulied il-partijiet. Jghid li minn meta zzewweg sad-data tax-xhied tieghu, hu dejjem

irrisjeda fil-fond matrimonjali u l-introjtu tieghu jippermettilu biss li jghix minn paga ghal paga minghajr kapricci.

In kontroezami l-intimat jghid illi l-ittra li pprezenta allegatament miktuba mill-attrici, kien ilu li sabha imma qatt m'ghamel xejn biha – lanqas kien taha lill-Pulizija meta kienu marru mal-attrici biex tigbor l-affarijiet taghha.

**Ikkunsidrat:**

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' **sevizzi** imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti." Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuggi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dicembru 1951. Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali b'referenza ghal vjolenza fizika u morali da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex tiddetermina l-firda personali bejn il-partijiet wara li ilhom ghal snin shah jghixu hajja kompletament separata, tant li l-attrici ilha ghal dawn l-ahhar tlettax (13)-il sena tirrisjedi gewwa l-Ingilterra. Il-partijiet ghandhom bejniethom zewg ulied, RF u CF, li ilum-il gurnata t-tnejn li huma huma maggorenni. Huwa car u manifest, kif anke iddikjarat mill-partijiet infushom waqt il-procediment tal-kawza odjerna, l-unika kontestazzjoni f'dawn il-proceduri hija l-allokazzjoni tad-dar matrimonjali u l-htija o meno tal-partijiet ghat-tifrik taz-zwieg. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tiddetermina dawn iz-zewg aspetti b'mod individwali.

***Dwar it-tifrik taz-zwieg tal-partijiet***

L-attrici fil-proceduri odjerni tiddikjara illi l-inkwiet bejn il-partijiet beda meta dahlet tirrisjedi maghhom SC u **nibtet relazzjoni adultera bejnha u bejn l-intimat**. L-attrici tghid li damet ma ndunat biha din ir-relazzjoni izda meta kkonfermat dan waqt tieg ta' hu SC, hija keccietha 'l barra mid-dar matrimonjali. Wara dan l-akkadut, l-intimat beda jqatta' l-hin kollu ta' wara x-xoghol 'l boghod mid-dar matrimonjali u jirritorna biss biex jinhasel. Min-naha tieghu l-intimat jichad li kisser iz-zwieg tieghu b'relazzjoni adultera u jghid li z-zwieg tkisser minhabba li martu l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali f'Awwissu tas-sena 2011 sabiex telqet lejn l-Ingilterra biex tghix f'relazzjoni adultera ma' AB li mieghu ghadha tirrisjedi sal-gurnata tal-ilum.

**Mill-provi jirrizulta b'mod indisputabbli s-segwenti fatti:**

**(i)** **li l-intimat verament kellu relazzjoni ma' SC u jammetti hu stess f'affidavit li pprezenta fi proceduri diversi minn dawk odjerni, li r-relazzjoni tieghu ma' SC bdiet meta hu kien mizzewweg mal-attrici;**

(ii) **li fl-istess sajf li l-attrici tallega li l-intimat kien sawwatha u heddidha, l-intimat gja kellu filfatt tifel mir-relazzjoni tieghu ma' SC;**

**(iii)** **li f'Awwissu 2011 l-intimat hedded lill-attrici u lil huha, kif ammetta hu stess mal-Pulizija, izda qal li kien tkellem f'mument ta' rabja u ma kellu l-ebda intenzjoni li jwettaq dak li qal (fol. 157);**

**(iv)** **li l-intimat ghandu natura vjolenti tant li wegga' diversi drabi lis-siehba tieghu, SC kif ukoll kisser propjeta' (*mobile*) tal-attrici waqt argument;**

**(v)** **li l-proprjeta' li kkostitwixxiet il-fond matrimonjali tal-partijiet inghatat b'titolu ta' donazzjoni lill-attrici mill-genituri taghha.**

Din il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-attrici baqghet konsistenti kif jidher mir-rapporti tal-Pulizija tas-sena 2011 ma' x-xhieda taghha moghtija fil-proceduri odjerni kif ukoll ma' x-xhieda mressqa minnha. Mhux l-istess jista' jinghad ghax-xhieda tal-intimat, kif ukoll dik ta' SC. Din il-Qorti tinnota illi SC iddikjarat f'affidavit taghha ikkonfermat bil-gurament taghha (fol. 207) illi hi u WF kienu iltaqghu gewwa diskoteka meta mart WF kienet telqet lejn l-Ingilterra. **Jirrizulta ampjament mill-provi mressqa** fil-proceduri odjerni li din id-dikjarazzjoni ta' SC **ma ghandhiex mis-sewwa ghaliex fis-sena 2011 meta l-attrici telqet lejn l-Ingilterrra** (issostanzjalizzat mir-rapport tal-Pulizija), **SC filfatt kienet ghadha kemm welldet l-ewwel wild taghha ma' WF!** Min-naha tieghu WF ddikjara quddiem din il-Qorti illi hu dejjem irrisjeda fil-fond fil-Hamrun li kien jikkonstitwixxi l-fond matrimonjali **meta mill-provi prodotti rrizulta u l-istess WF sussegwentement ammetta in kontro-ezami illi hu kien ghamel is-snin (bejn 8 jew 9 snin) jirrisjedi f'appartament mikri lil SC gewwa r-Rahal Gdid u ghal xi zmien kien anke jghix maghhom RF, il-wild il-kbir tal-partijiet**. Inoltre, fl-affidavit ipprezentat minnu l-intimat jghid illi l-Pulizija kienu marru fuqu d-dar tal-kunjata u kienu haduh b'sorpriza ghaliex ma kienx jaf ghalfejn l-attrici kellha tibza' minnu. Jghid illi hu dejjem gab rispett lejn l-attrici u familtha (ara fol. 194). Madanakollu l-istess intimat kien ammetta mal-Pulizija meta kellimhom l-ghassa lura fl-2011 li hu kien irrabbja ghall-attrici ghax kien qed jissuspetta li kellha relazzjoni ma'

haddiehor (**meta hu kien ghad kemm kellu wild ma' SC)** u li kien hedded lill-attrici u lil huha izda ma kellu l-ebda intenzjoni li jwegga' lil hadd (fol. 157).

Illi tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis il-verzjoni tal-attrici bhala aktar verosimili, aktar u aktar meta l-attrici resqet diversi xhieda sabiex jikkorroboraw il-verzjoni taghha filwaqt **li l-intimat ma ressaq lil hadd** izda ghazel li jistrieh fuq ix-xhieda tieghu u fuq kopja ta' ittra li allegatament giet miktubha mill-attrici lil AB. **Lanqas biss ittenta jikkorrobora li l-kitba tal-ittra hija propjru dik tal-attrici** tant li l-attrici cahdet li dik kienet il-kitba taghha in kontroezami. Illi anke li kieku, ghas-sahha tal-argument, l-attrici verament marret l-Ingilterra sabiex tabita ma' AB, dik ir-relazzjoni adultera **ma kienetx ir-relazzjoni li kissret iz-zwieg tal-partijiet**. Kienet proprju r-relazzjoni adultera tal-intimat ma' SC li kkawzat il-problemi u d-distanza bejn il-partijiet tant li l-intimat ma baqax iqatta' hin d-dar jew jaghti l-attenzjoni misthoqqa lil martu.

***Dwar id-Dar Matrimonjali***

L-attrici pprezentat il-prova quddiem din il-Qorti, **li ma giet bl-ebda mod ikkontestata**, illi l-fond gewwa l-Hamrun li kkostitwixxa l-fond matrimonjali tal-partijiet ghal numru shah ta' snin, **inghata lilha b'titolu ta' donazzjoni** mill-genituri taghha. Dan sar permezz tal-att pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Pamela Mifsud Bonnici nhar l-ghoxrin t'Awwissu tas-sena 2005 (fol. 131).

Illi tenut tal-konsiderazzjonijiet maghmula ghall-finijiet dwar it-tifrik taz-zwieg, l-attrici kellha raguni validissima ghalfejn tallontana ruhha mid-dar matrimonjali *ai termini* tal-Artikolu 6 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista tan-natura vjolenti u vendikattiva tal-intimat li mhux biss kien isawwat lil martu izda sawwat ukoll lis-siehba tieghu SC li maghha kellu zewgt itfal.

L-intimat fil-kawza odjerna qieghed jippretendi li mhux tali baqa' jirriesjedi fid-dar li tappartjeni esklussivament lill-martu meta hu kellu relazzjoni adultera ma' terza persuna u dan minghajr ma hallas sold matul dawn is-snin. Oltre minn hekk, qieghed

issa jippretendi li jinghata l-fakulta' li jibqa' jirrisjedi fl-istess fond anke wara t-terminazzjoni tal-proceduri odjerni. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Catherine Abdilla vs Carmel Abdilla*** nhar is-6 t'Ottubru 1999 fejn dik il-Qorti rriteniet kif gej:

> ***"Apparti l-element tal-koabitazzjoni ma' terzi, din il-Qorti pero' jidhrilha illi f'sitwazzjoni ta' din ix-xorta ma huwiex gust illi d-dar matrimonjali li hu accettat li kienet propjeta' komuni bejn il-konjugi, tibqa' hekk marbuta ghall-uzu esklussiv ta' wiehed minnhom, tista' tghid potenzjalment indefinitivament sal-mewt ta' dak il-konjugi, specjalment meta d-dar matrimonjali tkun l-unika assi ta' rilevanza fil-komunjoni ta' l-akkwisti u meta ma tkunx giet assenjata lil dan il-konjugi fl-interezza taghha minhabba xi dekadenza komminata mil-ligi. Din il-Qorti jidhrilha gust allura, illi tali proprjeta' kellha tibqa' marbuta ghall-uzu esklussiv ta' wiehed mill-konjugi sakemm it-tfal minuri jilhqu certa eta' li qed tigi stabbilita ghal wiehed u ghoxrin (21) sena jew sa meta dawn ikunu telqu mid-dar ta' missierhom u jkunu marru joqghodu ghal rashom, liema cirkostanza tavvera ruhha l-ewwel. Dana, biex ma jigix disturbat bla bzonn il "focolare domestic" li ghalih il-familja kienet ghadha intitolata u fl-interess tal-istess tfal. Meta tavvera ruhha din l-eventwalita, il-fond kellu jigi mibjugh."***

Fil-kaz odjern, din il-Qorti ghadha sitwazzjoni ferm aktar favorevoli ghall-attrici ghaliex fl-ewwel lok, ulied il-partijiet it-tnejn li huma ghandhom 'il fuq minn wiehed u ghoxrin (21) sena u ma jirrisjedux mal-missier gewwa l-fond gewwa l-Hamrun. Fit-tieni lok, il-fond jappartjeni esklussivament lill-attrici u mhux lill-partijiet entrambi kif kien il-kaz quddiem il-Qorti tal-Appell. Ghalhekk m'hemmx bazi legali li fuqu l-intimat jista' jippretendi li jzomm il-fond ghall-uzu tieghu. Lanqas hija gustifikazzjoni illi l-introjtu tieghu ma jippermettilux li jikri jew jixtri ghaliex ormai ilu f'din is-sitwazzjoni ghal snin shah u ghalhekk setgha faddal bil-mod 'il mod, u jsib residenza alternattiva matul dawn is-snin.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li ghandha tordna l-izgumbrament tal-intimat minn gewwa l-fond li kien jikkonstitwixxi l-fond matrimonjali sabiex il-pussess tieghu jinghata lura b'mod esklussiv lill-attrici li lilha jappartjeni bhala beni parafernali.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors guramentat ta' JB li sussegwentement assumiet f'isimha l-attrici AFB, billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi z-zwieg tal-partijiet tkisser ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat WF;**
2) **Tilqa' t-tieni talba u tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' u msemmija fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;**
3) **Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li l-intimat iddekada mid-dritt tieghu tal-manteniment;**
4) **Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-attrici ghandha d-dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut kemm il- darba hija ma jkollhiex mezzi bizzejjed sabiex tmantni lilha nnifisha.**
5) **Tilqa' parzjalment il-hames talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri mill-bqija tat-talba stante li ma ngiebu ebda provi dwar assi mobbli li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti;**
6) **Tilqa' s-sitt talba u tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti li jikkontjenu l-fond bl-indirizz "43, Redeemer, Triq id-Duluri, Hamrun" u tassenja l-istess proprjeta' immobbli lir-rikorrenti;**
7) **Tichad is-seba' talba stante li ma ngiebu ebda provi f'dan ir-rigward;**
8) **Tilqa' it-tmien talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-pussess tal-beni parafernali taghha, li jinkludu il-fond 43, bl-isem Redeemer, Triq id-Duluri, Hamrun u sakemm dan ma jkunx ga ivvaka, tordna lill-konvenut sabiex fi zmien perentorju ta' xahar minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat, jizgombra minn go dan il-fond bl-assistenza tal-Pulizija jekk dan ikun mehtieg;**
9) **Tilqa' d-disa' talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' l-kunjom "B" u**
10) **Tilqa' l-ghaxar talba u tordna lill-intimat sabiex jhallas jew jikkonsenja lir-rikorrenti skond il-kaz il-krediti u propjeta' parafernali taghha fi zmien xahar millum;**

**Din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kontrotalba tal-konvenut WF billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba limitatament skont id-decide numru 1 tar-rikors guramentat;**

2) **Tichad it-tieni talba;**

3) **Tichad it-tielet talba;**

4) **Tilqa' limitatament ir-raba' talba kif provdut fid-decide numru 5 tar-rikors guramentat;**

5) **Tichad il-hames talba in lina mad-decide numru 7 tar-rikors guramentat;**

6) **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba fuq nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward.**

**L-eccezzjonijiet tal-intimat ghat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-kontro-talba tal-intimat qed jigu michuda jew milquha kif fuq spjegat.**

**Spejjez huma a karigu tal-konvenut WF.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**